

31992R3762

29.12.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 383/4

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 3762/92
tal-21 ta' Diċembru 1992**

li jaddatta l-allowances ta' rappreżentazzjoni u ta' dmirijiet speċjali għall-President u l-Membri tal-Kummissjoni, il-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jstabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 4045/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstabbilixxi l-emolumenti tal-President, tal-Membri u tar-Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u li jemenda kif xieraq ir-Regolamenti Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom hawn fuq,

Billi l-allowances ta' rappreżentazzjoni u ta' dmirijiet speċjali previsti skond l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 21a (3) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandhom jiżdiedu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 1992:

- (a) l-ammonti elenkati fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandhom ikunu skond dan li ġej:

— President: Bfrs 57 205,
— Viċi-President: Bfrs 36 765,
— Membri oħrajn: Bfrs 24 515;

- (b) l-ammonti elenkati fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandhom ikunu skond dan li ġej:

— President: Bfrs 57 205,
— Imħallf jew Avukat Ġenerali: Bfrs 24 515,
— Reġistratur: Bfrs 22 355;

- (ċ) l-ammont elenkat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandu jiġi mibdul b'Bfrs 32 705.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 1992:

- (a) l-ammonti elenkati fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 21 a (3) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandhom ikunu kif ġej:

— President: Bfrs 24 515,
— Membri: Bfrs 22 355,
— Reġistratur: Bfrs 19 015;

- (b) l-ammont elenkat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21 a (3) għandu jiġi mibdul b'Bfrs 29 830.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

D. HURD

⁽¹⁾ ĠU L 356, ta' l-24.12.1988, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU 187, tat-8.8.1967, pġ. 1./67. Regolament kif l-aar emendat bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 1084/92 (ĠU L 117, ta' l-1.5.1992, pġ. 1.